REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 114/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/36/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 [1] li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK [2] dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 [3] jipprovdi għall-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 2012/36/PESK, il-Kunsill iddeċieda li l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għandu jiġi estiż kemm kontra persuni responsabbli għal każijiet ta' vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem jew għal ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, inklużi b'mod partikolari persuni f'pożizzjoni ta' tmexxija kif ukoll kontra persuni u entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenko jew jappoġġjawh, inklużi b'mod partikolari persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju jew materjali lir-reġim.

(3) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex tiddaħol fis-seħħ, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa sostitwit bl-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi I, IA u IB, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmuma jew kontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew, direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi I, IA jew IB jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, b'mod dirett jew b'mod indirett, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Anness I għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (*), kienu identifikati mill-Kunsill bħala persuni responsabbli għall-vjolazzjoni tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali fil-Bjelorussja fid-19 ta' Marzu 2006 u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew bħala persuni assoċjati ma' dawk responsabbli.

5. L-Anness IA għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont l-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/639/PESK, kienu identifikati mill-Kunsill bħala persuni responsabbli għall-vjolazzjoni tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali fil-Bjelorussja fid-19 ta' Diċembru 2010 u r-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew bħala persuni assoċjati ma' dawk responsabbli.

6. L-Anness IB għandu jikkonsisti minn lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2010/639/PESK, kienu identifikati mill-Kunsill bħala persuni (i) responsabbli għal każijiet ta' vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja, jew (ii) persuni jew entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenko jew jappoġġjawh.

(*) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18.";

2. Fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2b, fl-Artikolu 3(1)(a), fl-Artikolu 4a u fil-paragrafi 1 u 4 tal-Artikolu 8a, ir-referenzi għal "Anness I u IA" huma sostitwiti minn referenzi għal "Anness I, IA u IB".

[1] ĠU L 19, 24.1.2012, p. 31.
[2] Deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18).
[3] ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

Artikolu 2

L-Anness għal dan ir-Regolament għandu jiddaħħal bħala l-Anness IB għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ANTORINI

ANNESS

"ANNESS IB

Ma hemmx entrati f'dan l-Anness.".